# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 863/2014/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Karl Hili**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Karl Hili**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 403494(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fid-9 ta' Frar 2014 għall-ħabta ta' 10.15hrs fi Triq Tal-Infetti, Mdina waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBB 382:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq

il-persuna ta' Tatiana Mirabella skont kif iċċertifika Dr. Daniel Mc Kean M.D. ta' Mater Dei;

2. involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vanessa Scicluna skont kif iċċertifika Dr. Chris Giordimaina M.D. ta' Mater Dei;

3. involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Pauline Borg skont kif iċċertifikat Dr. Anne Fenech M.D. ta' Mater Dei;

4. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura bin-numru IBD 419 u involontarjament ikkaguna ħsarat għad-dannu ta' Pauline Borg;

5. waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura kkaġuna ħsarat involontarji fuq ċint tal-għalqa li hemm fi triq imsemmija għad-dannu ta' Nazareno Axiaq.

Il-Qorti ġiet mitluba li l-imputat jiġi skwalifikat mil-licenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 226, 328 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni, sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u kundannatu multa ta' elfejn Euro (€2000). *Ai termini* ta' Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-ħati għal żmien ħamsa u tletin (35) jum li kellhom jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta tal-għada filgħodu. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-ammont ta' ħames mija u erba' Euro u tletin ċenteżmu (€504.32).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-9 ta' April 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell, b'dan illi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat, u tirrevoka, tħassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena. Illi strettament, mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li s-sentenza appellata tiġi konfermata, għandha tiġi mposta piena anqas ħarxa stante li fiċ-ċirkostanzi tal-każ hija waħda pjuttost esagerata."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-26 ta' Marzu 2021.

Illi l-appellant iressaq żewġ aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda dik li huwa jsejjaħ bħala azzjoni *ultra vires* tal-Ewwel Qorti. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tiskarta kull imputazzjoni li ma tirriżultax fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali. Apparti minn dan, jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta applikat Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ma għamel l-ebda riferenza għalih.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li skont hu s-sentenza appellata ma tagħmilx sens legali. Jisħaq li fid-deċiżjoni tagħha, l-Ewwel Qorti illiberatu mill-ewwel (1), mit-tielet (3), mir-raba' (4) u mill-ħames (5) imputazzjoni u sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni. Jisħaq li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, it-tieni (2) imputazzjoni hija dik li tirrigwarda Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li s-sentenza appellata hija konfliġġenti peress li skont hu f'mument minnhom l-Ewwel Qorti saħqet li ma tistax tinstab ħtija f'Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mbagħad fil-parti tad-*decide* tas-sentenza appellata l-appellant ġie misjub ħati tat-tieni (2) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu flimkien.

Illi għal kull buon fini jingħad li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti sabet ħtija biss f'dik li hija ssejjaħ bħala t-tieni (2) imputazzjoni.

Illi jiġi nnutat li fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat meta huwa ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputazzjonijiet fiċ-ċitazzjoni kienu dawn:

- l-ewwel (1) imputazzjoni: li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tatiana Mirabella;

- it-tieni (2) imputazzjoni: li nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vanessa Scicluna;

- it-tielet (3) imputazzjoni: li involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Pauline Borg;

- ir-raba' (4) imputazzjoni: b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura bin-numru IBD 419 u nvolontarjament ikkaguna ħsarat għad-dannu ta' Pauline Borg;

- il-ħames (5) imputazzjoni: waqt li kien qed isuq il-vettura kkaġuna ħsarat involontarji fuq ċint tal-għalqa li hemm fi triq imsemmija għad-dannu ta' Nazareno Axiaq.

Illi meta l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju fejn huwa elenka l-Artikoli li skont hu setgħet tinstab ħtija fihom fl-appellant allura imputat, l-Artikoli ġew imniżżla f'din l-ordni (*a fol.* 394):

- Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li anke jekk l-Artikoli hekk kif imniżżla mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ma segwex l-istess ordni li kienu l-imputazzjonijiet elenkati fiċ-ċitazzjoni, pero' din il-Qorti tinnota wkoll li n-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju triq tinqara flimkien maċ-ċitazzjoni u mhux b'mod separat minnha. Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-appellant meta fis-sottomissjonijiet huwa qal li l-Ewwel Qorti kienet marbuta mal-artikoli msemmija fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju u li l-imsemmija Qorti ma setgħetx issib ħtija f'imputazzjonijiet li l-Artikolu tagħhom ma jkunx imsemmi fl-imsemmi Nota, pero' fl-

istess waqt din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-Artikoli msemmija fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju għandhom bilfors ikunu mniżżla wara xulxin bl-istess mod kif kienu mniżżla l-imputazzjonijiet fiċ-*charge sheet.*

Illi mkien ma hemm imniżżel fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li meta l-Avukat Ġenerali jibgħat l-artikoli li skont hu tista' tinstab ħtija tagħhom mill-Ewwel Qorti li huwa għandu jniżżel l-artikoli skont l-ordni tal-imputazzjonijiet fiċ-*charge sheet*. Kieku ried, l-Avukat Ġenerali seta' jniżżel l-Artikoli in kwistjoni f'linja waħda. Ovvjament dan ma għandux ikun inkoraġġiet u dan sabiex ma jinħeliex ħin li wieħed joqgħod iqabbel l-Artikoli mal-imputazzjonijiet fiċ-*charge sheet* (u dana b'mod speċjali meta persuna tkun akkużata b'numru ta' imputazzjonijiet u mhux b'waħda jew tnejn biss).

Illi din il-Qorti jirriżultalha li l-imputazzjonijiet elenkati fiċ-ċitazzjoni huma kollha riflessi fl-Artikoli tal-liġi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju li bagħat l-Avukat Ġenerali u b'hekk l-Ewwel Qorti ma għamlet xejn ħażin li għamlet riferenza għall-imputazzjonijiet taċ-ċitazzjoni fid-*decide* tagħha. L-Ewwel Qorti kienet tkun skorretta kieku, għall-grazzja tal-argument, sabet ħtija f'imputazzjoni li l-Artikolu tagħha ma ġiex indikat mill-Avukat Ġenerali. Dan ma kienx il-każ fil-każ odjern.

Illi b'hekk din il-Qorti hija propensa li taċċetta s-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali li saru fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023 u mhux dawk li saru minnu fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tgħid li ma ssib xejn kontradittorju fis-sentenza appellata kif jgħid l-appellant. L-Ewwel Qorti qassmet is-sentenza tagħha b'mod tajjeb u li jinftiehem fuq xiex kienet qed titkellem. Ġialdarba l-imputazzjonijiet elenkati fiċ-ċitazzjoni ġew elenkati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, għamlet sew l-Ewwel Qorti li għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-imputazzjonijiet hekk kif elenkati fiċ-ċitazzjoni. Kemm minn qari tad-*decide* tas-sentenza

appellata u kif ukoll mill-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti huwa daqstant ovvju li meta hija qalet li kienet qed issib ħtija fl-appellant allura imputat tat-tieni (2) imputazzjoni li hija kienet qed issib ħtija fl-appellant allura imputat li involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vanessa Scicluna.

Illi apparti minn dan minn qari akkurat tal-atti proċesswali jirriżulta li l-Ewwel Qorti għamlet sew li sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti. Bħal ma qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, huwa dejjem l-obbligu ta' min ikun qiegħed isuq li jara l-fatturi kollha li għandu quddiemu u li l-fatt li dakinhar tal-akkadut l-art kienet imxarrba, tenut kont tal-fatt li l-appellant kien għadu kemm beda jsuq kif ukoll minn dak li qalet Vanessa Scicluna fejn kellha tirrimarkalu biex inaqqas il-veloċita', jirriżulta li dawn il-fatturi flimkien servew biex inħoloq l-inċident bil-konsegwenza li ġab mieghu. B'hekk m'hemmx dubju li l-appellant b'mod involontarju ikkaġuna l-ġriehi sofferti minn Vanessa Scicluna. Apparti minn dan, jirriżulta li l-Ewwel Qorti għamlet il-konklużjonijiet tagħha in segwitu ta' dak li qalet it-tabiba li eżaminat lil Vanessa Scicluna u kif ukoll minn dak li jirriżulta mir-rapport (Dok. "VS 1" – *a fol.* 45 *et seq.*) maħruġ minn Mr. Raymond DeBono. L-Ewwel Qorti korrettament semmiet li fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 27) il-Maġistrat li kienet qed tippresjedi l-kawża qabilha kienet osservat li Vanessa Scicluna kellha sfreġju f'wiċċha li kien viżibbli minn distanza qasira. Il-multa erogata mill-Ewwel Qorti rigward is-sejbien ta' ħtija tat-tieni (2) imputazzjoni huwa fil-parametri tal-liġi.

Illi dwar is-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellant għal żmien ħamsa u tletin (35) jum, din il-Qorti tinnota li l-appellant għandu raġun. Għaldaqstant, din il-Qorti qed tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant għajr għal dik il-parti li titratta s-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Karl Hili u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha għajr għal dik il-parti fejn issospendiet il-liċenzja tas-sewqan tal-appellant għal żmien ħamsa u tletin (35) jum liema sospensjoni biss qed tiġi kanċellata u revokata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**